



Brussell, 31 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14531/23

LIMITE

EDUC 396
DIGIT 232
JEUN 243
EMPL 504
SOC 710

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0099(NLE)

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali - Adozzjoni

1. Il-Kumitat tal-Edukazzjoni eżamina l-proposta ta' hawn fuq għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill f'għadd ta' laqgħat. It-test issa għandu l-qbil tad-delegazzjonijiet kollha.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tad-delegazzjonijiet dwar it-test meħmuż u jippreżentah lill-Kunsill għall-adozzjoni u l-pubblikazzjoni sussegwenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għas-suċċess tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

BILLI:

1. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-9 ta' Frar 2023¹ enfasizzaw il-ħtieġa ta' azzjoni aktar ambizzjuża u aktar kuraġġuża biex jiġu żviluppati aktar il-ħiliet li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali permezz tal-edukazzjoni, it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħiliet biex jiġu indirizzati l-isfidi tan-nuqqas ta' ħaddiema u t-trasformazzjoni tal-impjiegi, inkluż fil-kuntest tal-isfidi demografiċi.

¹ EUCO 1/23.

2. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali għal Ewropa aktar koeżiva, ugwali, inklużiva, diġitali, sostenibbli, kompetittiva, innovattiva, ekoloġika u reżiljenti, u għall-iżvilupp personali u l-benesseri taċ-ċittadini u l-kapaċità tagħhom li jadattaw u jaħdmu f'suq tax-xogħol li qed jinbidel u li jinvolve ruħhom f'ċittadinanza attiva u responsabbli. F'dan il-kuntest, ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)² tippromwovi l-kooperazzjoni Ewropea biex tappoġġa aktar l-iżvilupp ta' sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-Istati Membri. L-għan ta' dawn is-sistemi huwa li jiżguraw is-sodisfazzjon personali, soċjali u professjonali taċ-ċittadini kollha, filwaqt li jippromwovu l-valuri demokratiċi, l-ugwaljanza, il-koeżjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u d-djalogu interkulturali, kif ukoll il-prosperità ekonomika sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u l-impjegabilità.
3. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat il-ħtieġa li tittejjeb il-prontezza diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fir-rigward ta' reżiljenza, ġustizzja, ugwaljanza, kwalità, inklużività, aċċessibilità u sigurtà. It-tibdil teknoloġiku li qed javvanza malajr jitlob trasformazzjoni diġitali ċċentrata fuq in-nies u sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ li jkunu adattati għall-era diġitali. Biex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027³. Il-pjan ta' azzjoni jfittex li jindirizza d-distakk diġitali u l-inugwaljanzi fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, u jenfasizza l-potenzjal tat-teknoloġija li tiffaċilita taġlim u apprendiment aktar aċċessibbli, sikuri, flessibbli, personalizzati u ċċentrati fuq l-istudenti.

² ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

³ COM(2020) 624 final.

4. L-ewwel prijorità strateġika tal-pjan ta' azzjoni – it-trawwim tal-iżvilupp ta' ekosistema tal-edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja – tenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċità diġitali u r-reżiljenza fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'mod koerenti u sostenibbli. Għal dan il-għan, fil-pjan ta' azzjoni ġew identifikati fatturi abilitanti bħall-infrastruttura rilevanti, il-konnettività u l-kapaċità diġitali, u dawn ġew elaborati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-għarfien tal-Ewropa⁴.
5. L-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-fatturi abilitanti tirrikjedi azzjoni li tmur lil hinn mill-ministeri għall-edukazzjoni u t-taħriġ waħedhom. F'dan ir-rigward, fl-2022 il-Kummissjoni organizzat djalogu strutturat mal-Istati Membri dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali. Wara d-dibattitu ministerjali li sar matul il-Kunsill Edukazzjoni, Żgħażaġġ, Kultura u Sport (EYCS) ta' Novembru 2021, u b'riflessjoni tal-ħtieġa ta' approċċ ta' gvern sħiħ, l-Istati Membri nnominaw ir-rappreżentanti tagħhom għall-grupp ta' livell għoli ta' koordinaturi nazzjonali bil-mandat li jirrappreżentaw id-dipartimenti rilevanti fil-pajjiżi tagħhom responsabbli għal aspetti differenti tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-ħiliet diġitali (inkluż l-edukazzjoni, ix-xogħol, is-settur diġitali, il-kultura, l-industrija u l-finanzi). L-eżiti tad-djalogu strutturat⁵ enfasizzaw għadd ta' sfidi komuni li jiffaċċjaw l-Istati Membri fit-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, li juru l-ħtieġa li jiġu kondiviżi l-aħjar prattiki fil-livell tal-Unjoni.

⁴ ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22.

⁵ L-Anness 3 għad-dokument ta' ħidma tal-persunal SWD(2023) 205 final.

6. L-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁶, jgħid li "kulħadd għandu d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġġim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħliet li jippermettulu jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol". Id-dritt għal edukazzjoni, kif stabbilit u protett mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun garantit f'kull ħin. Bl-istess mod, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal⁷ tistieden lill-Istati Membri jggarantixxu aċċess effettiv u liberu għall-edukazzjoni u għall-attivitajiet ibbażati fl-iskola għat-tfal fil-bżonn, jiġifieri dawk friskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali.
7. L-Aġenda għall-Ħliet għall-Ewropa⁸ tistabbilixxi azzjonijiet li jgħinu lill-individwi u lin-negozji jiżviluppaw u jużaw aktar ħliet u ħliet aħjar, billi jsaħħu l-kompetittività sostenibbli u jibnu r-reżiljenza biex jirreaġixxu għall-kriżijiet, abbażi tat-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar aġenda Ewropea ġdida għat-tagħlim tal-adulti 2021-2030⁹ tinkludi enfasi fuq opportunitajiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali għall-adulti, f'perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja.

⁶ ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14).

⁸ COM(2020) 274 final.

⁹ ĠU C 504, 14.12.2021, p. 9.

8. Kull ċittadin Ewropew għandu jkollu aċċess għall-edukazzjoni diġitali li tippermettilu jiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-partekipazzjoni attiva fis-soċjetajiet dejjem aktar diġitali tal-lum. Il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali¹⁰ jippreżenta pjan biex sal-2030 tinkiseb trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà u l-ekonomija tal-UE li tkun inklużiva u ċċentrata fuq il-bniedem. Dan jinkludi l-istabbiliment ta' qafas ta' governanza u rapportar mal-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-miri rilevanti fil-livell tal-Unjoni għad-Deċennju Diġitali, bħall-kisba ta' konnettività universali (broadband tal-gigabits għal kulħadd u l-5G kullimkien, anke f'żoni rurali u remoti). Dawn l-inizjattivi jfittxu li jindirizzaw id-distakki diġitali eżistenti f'termini ta' konnettività u ħiliet billi jippromwovu l-azzjoni u jistabbilixxu l-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa. F'dan ir-rigward, id-Dikjarazzjoni Ewropea tal-2022 dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali¹¹ tenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi u appoġġati l-isforzi biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ kollha jiġu mgħammra b'konnettività, infrastruttura u għodod diġitali.

¹⁰ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali (ĠU L 323, 19.12.2022, p. 4).

¹¹ ĠU C 23, 23.1.2023, p. 1.

9. Dawn l-inizjattivi jenfasizzaw li edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' suċċess ifisser il-ħolqien ta' aktar opportunitajiet u opportunitajiet aħjar għall-apprendiment u għat-tagħlim għal kulħadd fl-era diġitali. Is-soluzzjonijiet diġitali għamlu s-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Unjoni aktar aċċessibbli matul dawn l-aħħar ftit snin. Ir-riżorsi diġitali għandhom il-potenzjal li jagħlqu d-distakki ġeografiċi. Ir-riżorsi komuni diġitali¹², b'mod partikolari, jistgħu jgħibu benefiċċji sostanzjali bħal awtonomija strateġika, kostijiet imnaqqsqa u aktar trasparenza. Madankollu, f'dinja li qiegħda tiżviluppa malajr, huwa vitali li jittejbu kontinwament l-effettività u l-effiċjenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ u li jiġu appoġġati approċċi ġodda ta' tagħlim u apprendiment, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet diġitali eżistenti u emerġenti. Barra minn hekk, huwa vitali li l-istudenti jifhmu l-funzjonament tat-teknoloġiji sottostanti, u jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi għal użu kreattiv, sikur, etiku u responsabbli tat-teknoloġiji diġitali.
10. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni diġitali fis-soċjetajiet tal-għarfien tal-Ewropa¹³ jenfasizzaw li d-distribuzzjoni mifruxa tat-teknoloġiji diġitali u l-aċċess għall-internet jgħolqu possibbiltajiet ġodda għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi fl-Ewropa. L-edukazzjoni diġitali, bħala parti integrali mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi, tista' tikkomplementa t-tagħlim wiċċ imb wiċċ u tikkontribwixxi għat-titjib tal-aċċessibilità tal-kontenut edukattiv u tal-pedagoġiji, għall-inklużjoni soċjali u għall-kisba effettiva tal-kompetenzi, filwaqt li tippromwovi s-suċċess edukattiv għal kulħadd.

¹² "Riżorsi komuni diġitali" huwa kunċett li qed jevolvi, li jista' jiġi definit b'mod wiesa' bħala riżorsi diġitali mhux rivali u mhux esklużivi kkaratterizzati minn produzzjoni, manutenzjoni u governanza kondiviżi. Dawn jinkludu, fost affarijiet oħra, software b'sors miftuħ, data miftuħa, standards miftuħa, libreriji tal-IA miftuħa u kontenut miftuħ.

¹³ ĠU C 415, 1.12.2020, p. 22.

11. Fl-istess ħin, teknoloġiji ġodda u emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali (IA) malajr jidħlu f'ambjenti tal-istudenti, li jġib opportunitajiet potenzjali kif ukoll riskji, bħat-theddid ċibernetiku. Għalhekk huwa kruċjali li jiġu appoġġati l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-istituzzjonijiet tat-tagħlim mhux formali, kif ukoll l-għalliema, il-ħarrieġa u persunal edukattiv ieħor, fl-iżvilupp ta' fehim aħjar dwar dawn l-ġhodod u kif dawn jistgħu jużawhom b'mod kunfidenti u sikur għall-benefiċċju tat-tagħlim u l-apprendiment. Dan jinkludi sensibilizzazzjoni dwar l-implikazzjonijiet li l-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni fil-qasam diġitali, bħall-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali li ġej¹⁴ u l-Att dwar is-Servizzi Digitali¹⁵, u inizjattivi bħall-Istrateġija Ewropea għad-Data¹⁶, jista' jkollhom fuq il-prattiki tat-tagħlim u tal-apprendiment. Fl-istess ħin, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Diġitali qed iqajjem sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fost l-individwi, speċjalment it-tfal u ż-żgħażaġh, u l-organizzazzjonijiet, speċjalment l-SMEs. L-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni mhux biss ser jipproteġu kontra t-theddid ċibernetiku iżda ser jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp u għad-diversifikazzjoni tal-forza tax-xogħol fiċ-ċibersigurtà, filwaqt li jikkomplementaw l-isforzi tal-inizjattiva tal-Akkademja tal-Filiet fiċ-Ċibersigurtà.
12. F'perspettiva tul il-ħajja, l-użu tat-teknoloġiji diġitali biex jittejjbu l-aċċessibilità u l-kwalità tat-tagħlim u l-apprendiment huwa essenzjali għal-livelli u t-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, mill-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, matul l-edukazzjoni primarja u sekondarja, sal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti.

¹⁴ COM(2021) 206 final.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

¹⁶ COM(2020) 66 final.

13. Firxa ta' Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill enfasizzaw l-importanza tal-livelli u t-tipi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-irkupru u tranżizzjoni ġusta lejn ekonomiji diġitali u ekoloġiċi. Għalhekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza¹⁷ tipproponi viżjoni ta' politika modernizzata tal-Unjoni għall-VET, inkluż id-diġitalizzazzjoni tagħha u l-użu ta' tagħlim imħallat, u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja¹⁸ tirrikonoxxi li istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja b'saħħithom u interkonnessi huma strument importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.
14. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti¹⁹ għandha l-għan li tipprovdi lill-adulti bi kwalifiki baxxi b'opportunitajiet flessibbli biex itejbu l-ħiliet bażiċi tagħhom, inkluż il-kompetenzi diġitali rilevanti għas-suq tax-xogħol u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. Dan jista' jinkiseb fil-prattika billi jingħataw edukazzjoni u taħriġ f'ambjenti ta' apprendiment adatti li fihom għalliema u ħarrieġa kwalifikati japplikaw metodi ta' tagħlim speċifiċi għall-adulti u jisfruttaw il-potenzjal tal-apprendiment diġitali.

¹⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1).

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-bini ta' konnessjonijiet għal kooperazzjoni effettiva Ewropea fl-edukazzjoni għolja (ĠU C 160, 13.4.2022, p. 1).

¹⁹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet: Opportunitajiet Ġodda għall-Adulti (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1).

15. L-għalliema u l-ħarrieġa huma wkoll atturi partikolarment rilevanti fil-proċess, u għandhom jiġu ttrattati bħala sħab ewlenin u fdati fit-trasformazzjoni diġitali ta' suċċess peress li huma l-mutur wara l-edukazzjoni u t-taħriġ²⁰. Bħala tali, jeħtieġ li jkunu involuti mill-qrib u kkonsultati fl-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali, kif ukoll mġammra u awtonomizzati bil-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa għall-użu effettiv tagħhom. Jeħtieġu wkoll l-appoġġ ta' approċċ komprensiv għall-edukazzjoni inizjali, l-induzzjoni u l-iżvilupp professjonali kontinwu. L-inkorporazzjoni ta' approċċi ta' tagħlim imħallat hija rakkomandata wkoll, inkluż kif wieħed jopera b'mod sikur u etiku f'ambjenti diġitali²¹. Barra minn hekk, il-kompetenza diġitali u l-infrastruttura diġitali, l-għodod u r-riżorsi tal-edukaturi huma kruċjali għat-tisħiħ tat-tagħlim u l-apprendiment għas-sostenibilità²².
16. B'reazzjoni għall-ħtieġa ta' edukazzjoni u taħriġ diġitali aċċessibbli, ta' kwalità għolja u inklużivi, din ir-Rakkomandazzjoni għandha tindirizza l-fatturi abilitanti ewlenin li ġejjin: (i) approċċ strateġiku għall-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali; (ii) koordinazzjoni ta' gvern sħiħ u involviment ta' diversi partijiet ikkonċernati; (iii) tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-mexxejja u l-persunal tat-tagħlim u ta' appoġġ; u (iv) investiment iffokat fuq l-impatt.
17. Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. L-Istati Membri ser jiddeċiedu, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom, kif ser jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni,

²⁰ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-għalliema u l-ħarrieġa Ewropej għall-futur, (ĠU C 193, 9.6.2020, p. 11).

²¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Novembru 2021 dwar approċċi ta' tagħlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva (ĠU C 504, 14.12.2021, p. 21).

²² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1).

JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI:

1. Jaqblu, preferibbilment permezz ta' approċċ ta' gvern sħiħ, u bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati ewlenin, dwar strateġiji jew approċċi strateġiċi koerenti u konsistenti nazzjonali, u fejn xieraq reġjonali, għall-edukazzjoni u l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, żviluppati, imsaħħa aktar jew aġġornati b'ispirazzjoni mill-prinċipji ta' din ir-Rakkomandazzjoni, u jimmonitorjaw l-effettività u l-impatt tagħhom. Fit-twettiq tal-istrateġiji jew l-approċċi strateġiċi tagħhom, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
 - a) jistabbilixxu jew jirrieżaminaw, b'mod integrat, l-oġettivi nazzjonali għall-fatturi abilitanti ewlenin biex jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni diġitali tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi diġitali, u jiżguraw ir-rieżami u l-aġġornament regolari tagħhom;
 - b) fejn rilevanti, iqisu fl-oġettivi nazzjonali l-prijoritajiet strateġiċi tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali tal-Kummissjoni 2021–2027; fejn possibbli, jibnu fuq dan il-proċess biex jinformaw il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri skont il-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali;
 - c) iwettqu evalwazzjonijiet regolari tal-impatt tal-politiki u tal-prattiki tal-edukazzjoni diġitali, inkluż dwar il-parteċipazzjoni skolastika, l-eżiti tal-apprendiment, l-aċċessibilità u l-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-benesseri, b'approċċ ta' apprendiment tul il-ħajja, u jiżviluppaw riċerka dwar dawk is-suġġetti, filwaqt li jevitaw piżijiet amministrattivi addizzjonali.

2. Iżidu l-effiċjenza, l-effettività u r-reżiljenza tal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali billi jippromwovu sinerġiji u koordinazzjoni fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika u jaspiraw għal approċċ ta' gvern sħiħ u ta' diversi partijiet ikkonċernati. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jippromwovu djalogi regolari bejn il-partijiet differenti tal-gvern involuti fit-twettiq tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali f'livelli xierqa f'konformità mal-istruttura tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
 - b) jiffaċilitaw l-involvement strutturali tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali, fil-produzzjoni ta' soluzzjonijiet effettivi għall-edukazzjoni u l-istandards diġitali, u fil-proċessi tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni. Għandha tingħata l-attenzjoni dovuta għall-parteċipazzjoni attiva ta' daww mingħajr korpi rappreżentattivi formali, bħall-ġenituri u l-istudenti, u l-inklużjoni ta' kuntesti soċjoekonomiċi, tal-età, settorjali u territorjali differenti;
 - c) jippromwovu kooperazzjoni u skambju sostenibbli mas-settur privat u mal-fornituri tat-teknoloġija, inkluż il-fornituri tat-teknoloġija tal-edukazzjoni, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u n-negozji ġodda fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet li jirriflettu l-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni, inkluż is-sovranià diġitali, ir-riżorsi komuni diġitali, l-interoperabilità, l-istandardizzazzjoni, is-sigurtà, il-privatezza tad-data, it-trasparenza u d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, kif ukoll l-użu sostenibbli ta' riżorsi rari u enerġija għal skopijiet diġitali, pereżempju billi:
 - i) jappoġġaw l-iżvilupp u l-ittestjar ta' għodod u teknoloġiji edukattivi diġitali, kif ukoll ir-riċerka dwar il-kwalità, l-inklużività, l-aċċessibilità u l-impatt tas-soluzzjonijiet tal-edukazzjoni diġitali, inkluż daww ibbażati fuq teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenża artifiċjali, it-teknoloġiji immersivi bħar-realtà virtwali, ir-realtà awmentata, ir-realtà estiża (XR), ir-robotika, il-metavers u l-alternattivi b'sors miftuħ għall-għodod edukattivi diġitali;

- ii) jippromwovu sħubijiet pubbliċi-privati għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' edukazzjoni diġitali, fejn xieraq.
 - d) jinvolvu ruħhom fl-apprendiment bejn il-pari, l-iskambju ta' Prattiki u l-koordinazzjoni, inkluż f'setturi ta' politika differenti, fil-livell Ewropew u f'dak internazzjonali, kemm dwar l-opportunitajiet kif ukoll ir-riskji li jgħib miegħu l-użu ta' apparati diġitali fl-edukazzjoni, sabiex jinstabu soluzzjonijiet komuni għall-isfidi transfruntiera²³.
3. Jinkoraġġixxu t-taħriġ diġitali għall-mexxejja u l-persunal tat-tagħlim u ta' appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u jippromwovu t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tagħhom. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) jieħdu miżuri adegwati biex jappoġġaw lill-għalliema u lill-persunal tat-tagħlim kollha fl-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fil-pedagoġija tagħhom, jiġifieri l-użu tat-teknoloġiji diġitali għat-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni, meta dan jista' jkun ta' valur miżjud, b'mod adattat skont l-età. Dak l-appoġġ jista' jinkludi, pereżempju:
 - i) l-għoti tas-setgħa lill-għalliema billi jiġu involuti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-integrazzjoni tat-tagħmir diġitali fit-tagħlim u l-apprendiment u dwar l-għażla, l-iżvilupp u l-valutazzjoni tal-kontenut tal-edukazzjoni diġitali;
 - ii) inkoraġġiment għall-introduzzjoni tal-pedagoġija diġitali fil-programmi inizjali kollha tal-edukazzjoni għall-għalliema qabel id-dħul tagħhom fis-servizz, fejn jappoġġaw lill-fornituri ta' dawk il-programmi bir-riżorsi u l-faċilitajiet meħtieġa għal dak l-għan, u jikkooperaw fil-livell tal-UE billi jiskambjaw Prattiki tajbin dwar l-iżvilupp tal-kurrikulu, it-twassil u l-valutazzjoni tal-pedagoġija diġitali għall-għalliema;

²³ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-appoġġ għall-benesseri fl-edukazzjoni diġitali (ĠU C 469, 9.12.2022, p. 19).

- iii) inkoraġġiment b'mod attiv lill-ġhalliema u l-persunal tat-tagħlim fis-servizz biex jiżviluppaw u jtejbu l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali tagħhom fi żvilupp professjonali kontinwu;
 - iv) il-provvista u r-rikonoxximent ta' formati flessibbli, aċċessibbli u innovattivi ta' titjib tal-ħiliet diġitali bħat-taħriġ online, korsijiet qosra li jistgħu jwasslu għal mikrokredenzjali, skambji tal-persunal nazzjonali u internazzjonali u apprendiment bejn il-pari, u l-promozzjoni ta' proġetti kollaborattivi, networks, u komunitajiet ta' prattika u riċerka;
 - v) il-kondiviżjoni ta' prattiki u esperjenzi tajbin fil-pedagoġija diġitali permezz ta' programmi u inizjattivi fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE, bħall-Akkademji tal-Ġhalliema tal-Erasmus+;
 - vi) riflessjoni tal-ħtieġa għall-benesseri diġitali fil-proċess ta' tagħlim u apprendiment u t-tfassil ta' approċċi u ambjenti ta' tagħlim u apprendiment diġitali ta' appoġġ għal-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li jitqies ir-riskju ta' użu żejjed u użu ħażin tat-teknoloġiji diġitali.
- b) jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex irawmu t-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni u t-taħriġ, pereżempju billi:
- i) jippromwovu t-tiżiħ tal-kapaċitajiet u l-użu ta' oqfsa u għodod ta' awtovalutazzjoni nazzjonali u Ewropej, bħal SELFIE (għodda ta' awtoriflessjoni mfassla biex tgħin lill-iskejjel jinkorporaw it-teknoloġiji diġitali fit-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni, abbażi tal-qafas DigCompOrg għall-mexxejja tal-iskejjel), SELFIEforTEACHERS (abbażi tal-qafas DigCompEdu), SELFIE għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, u HEInnovate (għodda ta' awtovalutazzjoni għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja), biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet u l-oġettivi istituzzjonali għat-trasformazzjoni u t-titjib tal-ħiliet diġitali;

- ii) iquis l-kriterji relatati mal-fatturi abilitanti ewlenin għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali fil-proċessi interni u esterni tal-assigurazzjoni tal-kwalità għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- iii) jgħinu lill-mexxejja tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ jimplimentaw it-trasformazzjoni diġitali, inkluż billi joffru gwida, appoġġ u żvilupp professjonali kontinwi;
- iv) jippromwovu żieda fl-iskala ta' prattiki tajbin bbażata fuq l-evidenza billi jirrikonoxxu lill-istituzzjonijiet li jkunu minn tal-ewwel li jadottaw, li jkunu tejbu t-tagħlim u l-apprendiment permezz tal-innovazzjoni u t-teknoloġiji diġitali, u jappoġġaw skambji bejn il-pari;
- v) jinkoraġġixxu djalogu kontinwu bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-industrija dwar il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet tal-iżvilupp u tat-taħriġ, l-iskambju tal-esperjenza u l-għoti ta' feedback dwar il-prodotti u t-teknoloġiji użati fit-tagħlim u fl-apprendiment;
- vi) jiżguraw li kull skola jkollha aċċess għal servizzi ta' appoġġ u taħriġ diġitali tekniċi u pedagoġiċi biex l-għalliema u l-istudenti jiġu meġhjuna jagħżlu, jużaw, jimmaniġġaw u jżommu b'mod effettiv l-apparati u l-ġhodod diġitali għat-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni b'enfasi fuq l-użu pedagoġiku tagħhom;
- vii) jieħdu miżuri komprensivi biex jindirizzaw iċ-ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jinkoraġġixxu lill-persunal kollu jitħarreġ fiċ-ċibersigurtà, irawmu sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà fost l-istudenti u l-familji tagħhom, u jżommu politiki ta' sigurtà u kontroll tal-aċċess robusti filwaqt li jużaw bis-sħiħ soluzzjonijiet teknoloġiċi moderni bħall-kriptografija u l-awtentikazzjoni.

4. Jippromwovu investment ekwu u ffokat fuq l-impatt f'edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' kwalità għolja, reżiljenti u inklużivi. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri:
- a) iżidu l-effiċjenza u l-impatt tal-infiq fuq il-konnettività, it-tagħmir, l-infrastruttura, l-għodod diġitali u l-kontenut, pereżempju billi:
 - i) jikkoordinaw il-proċessi ta' akkwist, f'konformità ma' ċirkostanzi nazzjonali, biex jibbenefikaw minn ekonomiji ta' skala fejn possibbli, filwaqt li jippermettu flessibilità fir-rigward tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'kont meħud ukoll tal-ħtieġa għal sostenibilità u aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità; jikkooperaw volontarjament fil-livell tal-UE dwar standards u speċifikazzjonijiet li jistgħu jintużaw fi kwistjonijiet bħall-akkwist fil-qasam tal-edukazzjoni diġitali;
 - ii) jappoġġaw proviżjonament responsabbli u sostenibbli ta' prodotti u servizzi diġitali, kif ukoll il-manutenzjoni, it-tiġdid u l-aġġornament tagħhom, f'konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH);
 - iii) iqisu approċċi alternattivi għall-investment, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati, skemi ta' donazzjoni u r-rinnovazzjoni ta' tagħmir użat, b'kont meħud tar-rekwiżiti ta' kompatibilità tas-software u l-hardware, kif ukoll jittraduċu u jerġgħu jużaw, fejn rilevanti, kontenut ta' edukazzjoni diġitali minn Stati Membri oħra;
 - iv) jiffaċilitaw appoġġ, għarfien espert u għarfien Prattiku mfasslin apposta, pereżempju fil-forma ta' sħubijiet pubbliċi-privati, korpi konsultattivi jew kmamar ta' tmexxija/koordinament, biex l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu jistgħu jagħżlu soluzzjonijiet ta' edukazzjoni diġitali xierqa li jkunu mfassla għall-ħtiġijiet ta' tagħlim u ta' apprendiment tagħhom u jindirizzaw is-sigurtà diġitali, l-aċċessibilità, il-privatezza tad-data u l-benesseri diġitali b'mod strateġiku;

- v) jiżguraw li l-investimenti f'tagħmir, infrastruttura, għodod u kontenut diġitali ġodda jkunu akkumpanjati mit-taħriġ korrispondenti;
 - vi) jippromwovu l-użu ta' soluzzjonijiet ta' sors miftuħ, kontenut miftuħ jew data miftuħa u riżorsi komuni diġitali b'mod ġenerali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tagħhom fil-prattika diġitali u jissalvagwardjaw aħjar il-valuri pubbliċi, is-sovranià u s-sostenibilità tar-riżorsi diġitali fl-edukazzjoni.
- b) jipprovdu aċċess ugwali għall-istudenti kollha, billi jiżguraw investiment adegwat:
- i) f'konnettività tal-internet b'veloċità għolja biex tinkiseb konnettività tal-internet ta' 100 % gigabit jew ogħla fl-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u biex jiġu eliminati d-diskrepanzi territorjali u soċjoekonomiċi bl-użu ta' diversi teknoloġiji differenti, inkluż il-broadband, il-fibra, il-5G jew is-satellita, f'konformità mal-miri fil-livell tal-Unjoni għall-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali;
 - ii) f'aġġornament tat-tagħmir diġitali fil-klassi sabiex l-għalliema u l-persunal tat-tagħlim kollha jkollhom aċċess għal apparat personalizzat (desktop, laptop jew tablet) biex jarrikkixxu l-prattika pedagoġika tagħhom, u li l-apparati kollha jiġu servizzjati u mantnuti regolarment, f'konformità mal-protezzjoni tad-data;
 - iii) fl-iżvilupp ta' ambjenti ta' apprendiment tax-xjenza, teknoloġija, inġinerija, arti u matematika (STEAM) li jistgħu jrawmu l-pedagoġija diġitali permezz ta' approċċ interdixxiplinari;
 - iv) fl-iżgurar li l-istudenti kollha fil-livell primarju u sekondarju, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli u żvantaġġati²⁴, ikollhom aċċess, kull meta jkun xieraq għall-età tagħhom, għal apparat personalizzat li jissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, kif ukoll li l-apparati kollha jiġu servizzjati u mantnuti regolarment, f'konformità mal-protezzjoni tad-data;

²⁴ Pereżempju, dawk li jgħixu f'żoni rurali u mbiegħda jew fir-reġjuni ultraperiferiċi, dawk minn gruppi soċjoekonomikament żvantaġġati jew emarġinati, u persuni b'diżabilità.

- v) fl-iżvilupp ta' kontenut tal-edukazzjoni diġitali aċċessibbli, skalabbli, adattabbli u ta' kwalità għolja li jikkonforma mal-kurrikuli u l-prattiki pedagoġiċi tajbin u fid-diġitalizzazzjoni tal-materjali tat-tagħlim u l-apprendiment, meta dan ikun ta' valur miżjud;
- vi) fl-introduzzjoni u l-integrazzjoni ta' servizzi ċentralizzati rilevanti, inkluż permezz ta' soluzzjonijiet cloud, bħal sistemi virtwali ta' apprendiment u ta' ġestjoni tal-amministrazzjoni (inkluż għodod siguri ta' komunikazzjoni u kollaborazzjoni, repożitorji tal-kontenut tal-edukazzjoni, ġestjoni tal-klassijiet u valutazzjonijiet diġitali) fl-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li jiġu żgurati l-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità, il-privatezza u s-sigurtà tad-data tagħhom;
- vii) fil-promozzjoni ta' edukazzjoni inklużiva billi tiġi ssalvagwardjata l-aċċessibilità tal-kontenut u t-teknoloġiji tal-edukazzjoni diġitali għall-istudenti u l-għalliema b'diżabilità, u billi jiġu pprovduti tagħmir u soluzzjonijiet speċjalizzati għall-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali, b'kont meħud tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni dwar l-aċċessibilità, b'mod partikolari d-Direttivi (UE) 2016/2102²⁵ u (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶.

²⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibilità tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1).

²⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

5. Jinkarigaw lill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ bil-kompitu li jipprovdi tmexxija dwar is-suġġetti strateġiċi ewlenin indirizzati f'din ir-Rakkomandazzjoni. Dan ser isir prinċipalment permezz ta' diskussjonijiet, skambju regolari ta' informazzjoni u l-forniment ta' gwida dwar kwistjonijiet strateġiċi²⁷ relatati mal-fatturi abilitanti ewlenin għal edukazzjoni u taħriġ diġitali ta' suċċess. Il-Grupp ta' Livell Għoli għandu jirċievi appoġġ u juża l-għarfien espert kif jeħtieġ, inkluż mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Diġitali: Apprendiment, Tagħlim u Valutazzjoni (DELTA) u gruppi ta' esperti oħra f'setturi oħra, bħall-Bord tad-Deċennju Diġitali, sabiex jibni fuq approċċ orizzontali u transdipartimentali. Is-suġġetti li għandhom jiġu koperti jistgħu jitħabbru fl-aġendi ta' politika suċċessivi ta' 18-il xahar.

JILQA' B'SODISFAZZJON L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

1. Tippetromwovi l-iskambju tal-aħjar prattika, l-apprendiment bejn il-pari u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
 - a) tippermetti l-iskambju tal-aħjar prattika, l-iżvilupp ta' networks u l-apprendiment bejn il-pari fost l-Istati Membri, dawk li jfasslu l-politika, il-prattikanti u l-partijiet ikkonċernati mis-settur privat u pubbliku permezz tal-għodod, il-pjattaformi u l-komunitajiet eżistenti (il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni Diġitali: Apprendiment, Tagħlim u Valutazzjoni (DELTA), iċ-Ċentru Ewropew tar-Riżorsi Diġitali SALTO, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, inkluż eTwinning, il-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE), il-pjattaforma Internet Aħjar għat-Tfal, u proġetti tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku), inkluż bil-promozzjoni taċ-Ċentru Ewropew tal-Edukazzjoni Diġitali bħala punt ta' dħul ewlieni għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali fl-Unjoni;

²⁷ Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jinkludu, fost oħrajn, il-valutazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi diġitali, ir-rekwiżiti ta' kwalità għall-għodod u l-kontenut tal-edukazzjoni diġitali jew l-integrazzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż permezz tal-informatika u l-ħsieb komputazzjonali.

- b) tippromwovi l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inkluż il-fornituri tas-software u l-hardware, dwar l-infrastruttura u l-għodod diġitali u l-użu sostenibbli tagħhom fl-educazzjoni u t-taħriġ, filwaqt li tippromwovi l-valuri u l-prinċipji tal-Unjoni dwar il-privatezza, il-protezzjoni tad-data, l-interoperabilità u d-drittijiet ta' proprjetà intellettuali, b'kont meħud tal-hteġa li tiġi ssalvagwardjata l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-educazzjoni u t-taħriġ;
- c) issaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għall-educazzjoni u l-ħiliet u l-kompetenzi diġitali.
2. Tappoġġa t-taħriġ diġitali tal-mexxejja u tal-persunal tat-tagħlim u ta' appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-educazzjoni u t-taħriġ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tappoġġa, permezz ta' Erasmus+, il-mobilità bl-għan li jittejbu l-ħiliet tal-mexxejja u tal-persunal tat-tagħlim u ta' appoġġ tal-istituzzjonijiet tal-educazzjoni u t-taħriġ fl-użu tat-teknoloġiji diġitali fit-tagħlim, l-apprendiment u l-amministrazzjoni, inkluż fir-rigward tal-kapaċitajiet li jinbidlu malajr tat-teknoloġiji emerġenti;
- b) tippromwovi għodod bħal DigCompEdu u SELFIEforTEACHERS, taġġornahom meta jkun xieraq, u tappoġġa l-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp u l-ġoti ta' korsijiet dwar il-pedagoġija diġitali għall-educazzjoni inizjali tal-ġhalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu;
- c) tippromwovi l-introduzzjoni tal-"Linji gwida etiċi dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali (IA) u d-data fit-tagħlim u fl-apprendiment għall-educaturi", sabiex tgħin lill-ġhalliema tal-primarja u tas-sekondarja jintegraw b'mod effettiv l-intelliġenza artifiċjali u d-data fl-educazzjoni fl-iskejjel, u tibni fuq daww il-linji gwida biex jieħdu inkunsiderazzjoni l-implikazzjonijiet tal-użu ħażin tat-teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali ġenerattiva u jiġġieldu r-riskji.

3. Tappoġġa l-investiment iffokat fuq l-impatt fl-infrastruttura u s-servizzi tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali permezz ta' finanzjament nazzjonali u tal-Unjoni, u ssaħħaħ il-bażi ta' evidenza dwar l-effettività u l-effiċjenza tal-politiki u l-ġhodod tal-edukazzjoni diġitali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tappoġġa l-investiment tal-Istati Membri fl-infrastruttura tal-edukazzjoni diġitali essenzjali (inkluż il-konnettività, it-tagħmir, l-ġhodod u l-kontenut diġitali) permezz tal-finanzjament tal-Unjoni, u ssaħħaħ ir-rabtiet bejn il-politiki eżistenti tal-Unjoni u l-istrumenti u l-programmi ta' finanzjament u l-istrateġiji u l-approċċi strateġiċi nazzjonali u reġjonali għall-edukazzjoni diġitali u d-diġitalizzazzjoni tal-iskejjel;
 - b) fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, tappoġġa l-iżvilupp ta' linji gwida u rekwiżiti ta' kwalità għal kontenut ta' edukazzjoni diġitali aċċessibbli, imfassal tajjeb u ta' kwalità għolja u ambjenti u ġhodod tal-apprendiment virtwali (bħal sistemi u applikazzjonijiet awtonomi ta' ġestjoni tal-apprendiment, inkluż soluzzjonijiet ta' sors miftuħ) biex tgħin lis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ jevalwaw b'mod sistematiku l-kwalità, is-sikurezza, l-affidabilità, l-utilità u l-inklużività tagħhom. Dawn il-linji gwida u rekwiżiti ta' kwalità jintużaw mill-Istati Membri fuq bażi volontarja;
 - c) tinkoraġġixxi l-involvement tal-Istati Membri fil-ħolqien ta' riżorsi komuni diġitali fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tal-appoġġ u l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni attiva bejn l-Istati Membri fil-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' sors miftuħ, kontenut miftuħ jew data miftuħa b'governanza kondiviża u b'diversi partijiet ikkonċernati;
 - d) tappoġġa lill-Istati Membri u lill-fornituri tat-teknoloġija biex jindirizzaw l-isfidi tal-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità marbuta mal-pjattaformi u s-servizzi tal-edukazzjoni diġitali f'diversi livelli u tipi ta' edukazzjoni u taħriġ;

- e) iżżid il-koordinazzjoni tar-riċerka, tippromwovi żieda fl-iskala tal-aħjar prattiki bbażata fuq l-evidenza u tappoġġa, permezz tal-programmi Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali u Erasmus+, ir-riċerka dwar soluzzjonijiet diġitali għat-tagħlim, l-apprendiment u l-valutazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp u l-introduzzjoni ta' tagħhom, u l-ittestjar tal-impatt ta' tagħhom fuq it-titjib tal-eżiti tal-apprendiment u l-ekwità;
- f) tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi ta' tagħhom lejn l-użu effettiv, sikur u inklużiv tal-intelliġenza artifiċjali u l-IA ġenerattiva fl-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi titrawwem kooperazzjoni Ewropea intensifikata u jingħataw linji gwida rilevanti, pereżempju dwar il-litteriżmu fl-IA u l-użu kritiku u kunfidenti tal-IA;
- g) tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' politiki effettivi u effiċjenti tal-edukazzjoni diġitali billi ttejjeb il-bażi ta' evidenza, l-evalwazzjoni u l-analiżi ta' dawk il-politiki, permezz tal-Laboratorju tal-Apprendiment dwar l-Investment fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ ta' Kwalità, kif ukoll tipprovdi gwida mmirata u appoġġ tekniku permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku;
- h) tiffaċilita skambji dwar l-approċċi nazzjonali u l-aħjar prattika fl-akkwist effettiv ta' tagħmir u infrastruttura diġitali għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tan-Netzwerk tas-Servizzi ta' Konsulenza Nazzjonali għall-edukazzjoni diġitali u mezzi rilevanti oħra;
- i) tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tal-kredenzjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-Istati Membri, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ulterjuri tal-infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment.

4. Ittejjeb it-trasparenza u tevalwa l-progress fl-implimentazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha:
- a) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' data komparattiva dwar il-fatturi abilitanti ewlenin għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali fl-Unjoni billi twettaq sħarriġ intitolat "L-Edukazzjoni Diġitali fl-Ewropa" fl-Istati Membri kull tliet snin, li jibni fuq u jkompli jiżviluppa l-"Istħarriġ Ewropew tal-Iskejjel: ICT fl-Edukazzjoni", bl-għan li sal-2025 jinġabar l-ewwel sett komprensiv ta' data;
 - b) timmonitorja, preferibbilment billi tuża l-ġhodod ta' monitoraġġ eżistenti, u tirrapporta dwar il-progress li jkun sar rigward il-fatturi abilitanti ewlenin għall-edukazzjoni u t-taħriġ diġitali, filwaqt li tiegħu inkunsiderazzjoni l-istrategġiji u l-approċċi strateġiċi tal-Istati Membri, fi ħdan il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, bħall-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ, filwaqt li jiġu evitati piżijiet amministrattivi addizzjonali;
 - c) tappoġġa l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fi sħarriġ internazzjonali li jipprovdi data komparattiva dwar is-sitwazzjoni attwali tal-istat ta' tħejjija tal-għalliema għall-edukazzjoni diġitali, b'mod partikolari l-Istħarriġ Internazzjonali dwar it-Tagħlim u l-Apprendiment tal-OECD;
 - d) tirrieżamina l-progress li jsir fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u tirrapporta lill-Kunsill mhux aktar tard minn ħames snin wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President